# RICCARDA BORG FERNANDEZ

*Ta'* ANTON AGIUS MUSCAT

L-isem ta' Riccarda Borg Fernandez mhux wieħed li ssibu malajr qalb l-ismijiet ta' dawk li kitbu proża jew poeżija bil-Malti. Aktarx tabilħaqq ftit ħafna huma l-Maltin li jafu biha bħala waħda minn dawk in-nisa Maltin li meddew idhom jiktbu xi biċċa proża jew idommu erba' versi poeżija. Ftit jafu biha għaliex qajla ħasbet toqgħod tnewwel għal quddiem il-kotra t-taħżiż letterarju tagħha, u fuq kollox, billi f'żgħożitha webbluha bi ġmiel ta' ilsna barranija, tħajret qabel xejn tfisser it-tqanqiliet ta' qalbha u l-ħsibijiet ta' moħħha bi lsien barrani għal dak ta' art twelidha. Għalhekk, ġara li biss xi erbgħa min-nies, midħla tagħha jew li saru jafuha, għarfu l-kitba tagħha. Il-ħasra hi li dil-mara Maltija baqgħet ma tħajritx tirqem u xxettel il-ġenju letterarju tagħha, għax li kieku llum setgħet fil-wisa' toqgħod spalla ma' spalla ma' kittieba oħra.

Ingħid dan għax jekk taqra l-kitba tagħha, l-aktar il-versi, tintebaħ illi għandha ħmira letterarja fil-għaġna tal-kitba tagħha. Dan għarfu l-mibki Dun Karm Psaila nnifsu, illum jafuh bħala l-Poeta Nazzjonali Malti, meta kitbilha kemm-il darba, kif għarrfitni hi. Dan il-qassis poeta hu qaribha u hi tħajret mhux darba u tnejn tibgħatlu versi tagħha biex jagħtihom daqqa ta' għajn. Fi kliemha: "Hu qatt ma messli vers". (it-tifħir ma kienx irħis f'fomm Dun Karm). Barradan, ġie li żellqilha kliem ta' tifħir, u billi Dun Karm Psaila kien ta' ġewwa ma' l-ilsien Taljan, sata' jqejjes sew il-versi ta' Riccarda Borg Fernandez bit-Taljan. Kemm meta kitbet versi bit-Taljan u kemm jekk tħajret tfisser ruħha bil-Malti, żammet għaliha l-kitba tagħha. Hekk il-kitba tagħha ġralha bħal senduq magħluq: min iħares lejh minn barra, jibqa' sajjem x'fih ġewwa.

Kif bosta jafu, dawk in-nisa Maltin li sa issa tħajru—għallanqas dawk magħrufin mill-kotba—imiddu idhom jiktbu xi biċċa proża jew idommu erba' versi, tgħoddhom fuq is-swaba' ta' idek il-waħda. Bħallikieku l-letteratura għall-mara hi jew biex taqraha, jew biex tkun taf xi tagħrif dwarha, jew biex tistudjaha. Bħallikieku l-ħmira letterarja tixxettel biss fir-raġel u għall-mara ma jibqax ħlief li ma tmissx b'idha l-għaġna ta' kitba ta' proża jew ta' poeżija! Ingħiduha kif inhi, mingħajr ħsieb li nonqos lil ħadd: il-mara Maltija għadha bħallikieku magħluqa ġewwa fosdqa ta' fehmiet jintirtu minn nisel għal ieħor. Il-ħtija għal dal-egħluq mhux kollu tal-mara Maltija. Minkejja dal-egħluq, iż-żmien qiegħed qajl qajl jeqred dil-fosdqa ta' xkiel. Fehmiet ġodda qegħdin jixxettlu, jinbtu u jwarrdu;

it-tagħlim jixtered, jikber u jitqawwa qalb il-kotra (daqqiet jidher bħallikieku qajl aktar milli jmissu); qajl qajl ir-ruħ tal-kotra Maltija qiegħda tfittex il-mili tagħha fiha nfisha billi tibni kultura Maltija, milli tintilef u tegħma tfittex il-wens ta' kultura barranija għall-kotra **Maltija.** It-tama għal dal-bini ta' kultura Maltija qiegħda fiż-żgħażagħ Maltin, irġiel u nisa li jridu jagħrfu joħolquha u jsawruha. Għax-xjuħ iż-żmien għadda u tar, bil-fehmiet kollha tiegħu.

Il-mara Maltija għad trid tieħu postha fl-isfera letterarja Maltija. Kien hemm min għamel l-almu miegħu nnifsu u ma ddejjaqx iħażżeż proża u poeżija. Kien hemm nisa Maltin li fissru bil-għaqal kollu x'inhu li jġarrab lil qalbhom, iżda l-għadd tagħhom kien ftit wisq. Dawk kollha min-nisa Maltin, l-aktar li llum inqisuhom max-xjuħ u illi ma ddejqux jiksru l-fehmiet tradizzjonali li fihom sabu ruħhom, ħaqqhom min jiftakar fihom. Għall-mara Maltija li llum tgħodd madwar it-tmenin sena, f'żgħożitha għallmuha l-letteratura barranija, jekk marret fi skejjel, u webbluha mhux li tidħol l-Università u tkattar titgħallem jew titħarreġ fi professjoni li titlob kors universitarju, iżda l-aktar tintafa' qabel xejn titgħallem xi strument tal-mużika, bħalma huma l-pjanu u l-vjolin, u daqqiet billi tintafa' għall-kant. Bħallikieku l-arti tal-mużika tgħodd għar-raġel u l-mara, waqt li l-letteratura tgħodd biss għall-irġiel. Biex tagħqad dawk in-nisa Maltin li kienu jitgħmu l-benna tat-tagħlim, aktarx kienu jdewquhom letteratura barranija: Taljana jew Ingliża, u xi teftif dwar letteratura oħra barra minn dawn. Kien hawn min jagħti kitba bil-Malti f'idejn it-tfal tal-iskejjel primarji tal-Gvern, iżda min kien jintafa' għat-tagħlim **u jirfes il-għatba tal-kulleġġi** jew l-iskejjel sekondarji, immexxijin sew minn kunventi, sew minn nies tal-Knisja, sew minn dak jew mill-ieħor; jew jidħol l-Università, ftit li xejn tawh f'idejh ix-xogħlijiet letterarji ta' kittieba tal-Malti. F'kelma waħda, l-ilsien Malti twarrab. Hekk ġara li dak il-Malti li daq it-tagħlim sar jaf b'kitba letterarja tal-barranin, waqt li baqa' sajjem minn kitba bil-Malti. Ġara li l-Malti tal-iskola aktarx, baqa' bla għaraf sewwa wieħed x'jista' jwettaq bħala letteratura bi lsien art twelidu.

Kien hemm min ħareġ bil-fehma li għandek tistudja dawk l-ilsna li bihom wieħed barrani qarib art twelidek jista' jifhmek mingħajr hu ma joqgħod isibha xejn bi tqila għalih. Kien hawn min għalhekk waħħalha f'rasu li l-barrani għandu l-jedd fuqek lingwistikament. U kif int tilqa' l-jedd ta' lsien art twelidu fuqek, taqa' li ma tkunx trid wisq biex minn jeddek jew le twarrab jekk mhux ukoll toħnoq il-kelma ta' art twelidek għax ma tibqax tħaddimha iżjed, billi int tkun għaraft il-jedd ta' lsien ħaddieħor fuq dak ta' art twelidek. Jiġri li ma tibqax iżjed midħla ma' lsien art twelidek, għax int tkun

moħħok titgħallem kif il-barrani jfisser il-ġewwieni ta' ruħu. Hekk ġralhom dawk il-Maltin li għażlu jitilfu għaqalhom wara xi lsien ta' ħaddieħor biex warrbu jew taw ġenb lill-Malti. Ġara li minn xi wħud li lsien Malti sab ruħu marsus mal-ħajt. Sab uħud mill-Maltin infushom iwarrbuh bħala l-biċċa għodda meħtieġa biex ifissru ruħhom. Ladarba warrbuh, infatmu minnu u ma kienx fadal għajr li xi lsien barrani jagħmlu tagħhom. Iżda l-barrani dejjem jibqa' barrani, minkejja li tagħmel l-almu tiegħek biex tfisser ruħek bih.

Mhux biss il-barrani jibqa' barrani, iżda minfuq jiġri li billi tkun warrabt ilsien art twelidek u għamilt tiegħek dak ta' ħaddieħor, ma jfissirx li ħaddieħor sa jilqgħek b'wieħed minnu, jew li b'daqshekk BISS imissek tagħmel isem fil-qasam letterarju ta' ħaddieħor. Jaħasra kemm fl-imgħoddi tqarrqu dawk il-Maltin illi daħlilhom f'rashom illi għax sa jiktbu bit-Taljan jew bl-Ingliż, jew b'liema lsien fettlilhom, mela b'daqshekk BISS sa joħolqu xi tranja fil-letteratura barranija! Li kieku fehmu illi l-ewwel jeħtiġilhom irawmu l-ħmira letterarja u jwilldu l-ġenju artistiku li dehrilhom kellhom, kien ikun bil-wisq aħjar milli jitfgħu l-ħtija fuq il-għodda lingwistika li tathom art twelidhom! Kemm kotba mimlija b'versi bit-Taljan jew b'xi lsien ieħor barrani, miktuba minn Maltin biex ifissru l-ħsus ta' qalbhom, jinsabu midfuna fil-libreriji bla ħadd ma jaqrahom, u la għamlu isem hawn u anqas hinn! Kemm kien ikun jiswa aktar għall-kultura Maltija li kieku bnew il-ġenju letterarju tagħhom fuq sisien qawwija, kif titlob is-sengħa tal-kitba!

Biex ixxettel iż-żabra letterarja trid tkun kittieb minn qaddisek. Ma tridx tiblagħha illi ladarba l-letteratura Taljana, Ingliża jew Franċiża ħaddmuha bosta, jew webbluk illi ma hawnx aqwa minnha, mela jekk iddomm verstejn jew tgħaqqad kelmtejn bit-Taljan, Franċiż jew Ingliż, tkun b'daqshekk BISS qed tibni xogħol letterarju, jew tkun b'daqshekk BISS qed tibni kultura ta' art twelidek. Li kieku fl-imgħoddi ma nħeliex ħafna ħin u xogħol f'kitba li llum taret mar-riħ, kemm kieku kien ikun jaqbel għall-kultura maltija! Li kieku fl-imgħoddi n-nies tal-iskola ma ntilfux jintqanżħu jfissru ħsus qalbhom b'xi lsien barrani, aktarx igħajbu l-ġenju letterarju ta' ħaddieħor milli tabilħaqq isawru ħmira letterarja magħġuna mar-ruħ tal-ħsieb tal-moħħ u mat-tqanqiliet tal-qalb, kieku llum għandna aktar mili fil-kultura Maltija milli għandna. Tabilħaqq għandhom fuq spallejhom ħtija dawk li 'l-ġens Malti firduh f'żewġ taqsimiet: wieħed jitkellem bil-Malti u meqjus anqas mill-ieħor : għażel jitgħallem bi lsien għarib. Il-għażla ġabet il-firda u l-firda ma sawret xejn għajr baħħ kulturali. Dawk li kellhom xi ħmira letterarja, ħajruhom jinqdew b'għodda lingwistika barranija sabiex

jibnu kultura li fis-sew qatt ma setgħet tkun tagħhom; waqt li dawk li baqgħu mingħajr tagħlim, ma setgħu jrawmu xejn bil-kitba għajr il-għerf bla miktub ta' taħdit imnissel bil-fomm minn nisel għal ieħor. Iżda ġara li fost dawk li ħadu l-benna tat-tagħlim, kien hemm min fehem lilu nnifsu u ma daħakx bih innifsu. Ħass li l-kelma, il-qalb u l-moħħ huma l-wild ta' għaġna waħda u għalhekk ma tistax tifred wieħed minn ieħor. Ġara li llum jew għada, min ħa l-benna tal-iskola sab ruħu jrid ifisser lilu nnifsu bil-Malti.

Dak li ma tgħallimx il-Malti, ukoll jekk ma għallmuhulux, ħtieġlu jfisser ruħu bil-Malti, ladarba kellu fih il-ħmira letterarja. It-tibdil fil-fehmiet li ġab miegħu ż-żmien f'dawn l-aħħar erbgħin sena, għen f'din il-bidla. U hekk illum issib irġiel u nisa li jgħoddu sittin, sebgħin, tmenin sena illi minkejja li f'żgħożithom ma għallmuhomx il-Malti, tħajru jiktbu bil-Malti. Il-ħasra hi, ladarba ma tgħallmux kif imiss il-Malti, ma setgħux joħorġu xogħol mill-aħjar, għax baqgħu sajmin mill-għodda lingwistika. Minn dan in-nuqqas ġej ħafna għilt fil-kultura Maltija. Minn dan in-nuqqas batew ħafna Maltin. Għalhekk mhux għaġeb issib nies ta' ġenerazzjoni ta' qabilna jgemgmu illi ma tawhomx f'idhom il-qawwa tal-għodda lingwistika. Illum il-ġrajja nqalbet għall-aħjar. Minn xi sittin sena il hawn, bis-saħħa tax-xogħol qalbieni li għamlu dawk li, minkejja x-xkiel u t-taqtigħ ta' qalb, emmnu xi ħtieġa għandu l-ilsien Malti fil-ħajja tal-pajjiż u fit-trawwim tal-kultura maltija, il-Malti ntrafa' u għandu għax jittama ġejjieni aħjar.

Jekk iżżomm dan kollu quddiem għajnejk, tista' tifhem għaliex il-kitba bil-Malti ta' Riccarda Borg Fernandez damet xi ftit sa ma qabdet triqtha. Fuq kollox, il-għaġeb hu kif dil-mara, wild ta' żmien li fih il-mara Maltija qajla tħajret tmidd idha għall-kitba, qabdet tikteb bil-Malti, meta terġa' u tgħid f'żgħożitha ma għallmuhiex il-Malti.

It-tagħrif li tatni meta ltqajt magħha sabiex nitħaddtu dwar il-kitba letterarja tagħha jagħtina ħjiel biex nifhmuha aħjar.

Riccarda Borg Fernandez twieldet nhar il-11 ta' Marzu tal-1878. Missierha hu Piju Bonnici u ommha hi bint Spanjol, Jose Fernandez, minn Barċellona, li baqa' jgħix Malta. Meta kellha seba' snin, il-mamà daħħlitha 'educanda' fil-Kunvent tal-Buon Pastore u damet hemmhekk sakemm għalqet tlettax-il sena. Biex tissokta l-iskola, il-mamà daħħlitha fl-Iskola tal-Pilar, immexxija mis-Sorijiet Franġiskani, u baqgħet hemm sa ma għalqet sbatax-il sena. F'żgħożitha kienet tħobb taqra IL-ĦABIB, li kien joħroġ Ġużè Muscat-Azzopardi, u wkoll IN-NAĦLA, immexxi minn Agostino Levanzin. IL-ĦABIB kien aktarx ġurnal reliġjuż; l-ieħor aktar imxaqleb jitħaddet dwar

il-pulitka tal-jum, iżda kien ukoll ikun fih kitba li tgħallem lill-kotra. Meta kienet żagħżugħa, daqs sittin sena ilu, it-tagħlim tal-Malti, fi kliemha: "Ma kien inkoraġġit xejn, anzi aktarx lill-istudenti kienu jgħidulhom li ma jiswa għal imkien". Min kien jixtieq jitgħallem il-Malti kien jeħtieġlu, "Isib lil xi ħadd li jiddeletta u jipprattika ftit miegħu". Iżda l-iskejjel privati kienu jaħsbu għal ilsna barranin, għax: "Jien fl-Iskola tal-Buon Pastore għallmuni t-Taljan u għallmithuli waħda Taljana; għallmuni l-Ingliż u għallmithuli l-kuġina tar-Reġina Vittorja, Suor Maria del Sacro Cuore, Ingliża; u l-Franċiż għallmithuli soru Franċiża". R.B.F. stqarret miegħi illi l-ilsna tħobbhom kollha iżda, fi kliemha: "L-aktar li nippreferixxi l-lingwa Taljana għaliex inħossha donnha aktar melodjuża mill-oħrajn". Bit-Taljan kitbet kemm proża u kemm poeżija, għax, "it-tnejn inħobbhom xorta waħda". Minkejja li l-Malti ma tgħallmitux fl-iskejjel, tħajret tikteb bil-Malti, "il-għaliex nieħu pjaċir nikteb bil-lingwa tiegħi u ma ktibtx qabel għax ma kontx studjajtu". Għal dik l-mistoqsija illi titħajjar tistaqsi lil kull min iħoss il-Muża tindiehes miegħu: il-lehma tal-poeżija tiġik minn jeddha jew toqgħod taħseb dwarha?, R.B.F. wieġbet, "Le, dawk ikunu mumenti li jiġik ħsieb u trid taqbdu fil-fatt u tiktbu dak il-ħin inkella ma ssibux iżjed". Għarrfitni illi mhux biss kienet taf lil Mons. Dun Karm Psaila iżda hu qarib tagħha u ta' żewġha. Dwar Dun Karm qalet: "Jien nista' niddeskrivih bħala ġenju kbir". Kienu jiktbu lil xulxin u R.B.F. kull meta kienet tikteb xi ħaġa, erħilha tibgħathielu sabiex "isibli d-difetti", iżda hu, "dejjem kien igħidli li huma tajbin ferm. Żammejt ittri ta' Dun Karm għaliex fihom insib inkoraġġiment kbir".

Il-proża ta' R.B.F. tħaddan in-novella u l-'essay'. F'kull biċċa xogħol proża li qrajt, għandek issib iż-żwieġ bħala l-pern ta' ħsibijiet. Kliem fuq iż-żwieġ bħallikieku tisimgħu minn mara. Sew kemm fin-novella "L-Imħabba lejn Għajrek" u f'"Albert", it-tnejn mibnija fuq stil tradizzjonali; it-tnejn iridu jnisslu fil-qarrej xi ħsieb ta' mogħdrija lejn min il-ħajja ma tiġihx ward u żahar; it-tnejn issib fihom xi tagħlima li jaqbel mal-ħsieb nisrani. L-'essay' "Ir-Rabta" fiha sensiela ta' fehmiet dwar xi jfisser iż-żwieġ, u hi msensla bi twissijiet mnisslin mit-tiġrib tal-ħajja.

Fil-poeżija R.B.F. timraħ wisq iżjed minn hekk. Il-poeżija tagħha tista' tiġborha f'taqsimiet waħda tingħażel minn oħra. Erbgħa huma t-taqsimiet ewlenin: versi dwar it-twemmin nisrani; il-qraba; il-ħolqien; u ġrajjiet, tifkiriet tat-tfulija.

Il-versi li jorbtu mat-ewemmin nisrani huma: "Is-Salib Imqaddes" fejn in-nisrani mħaddan mas-Salib jagħraf jislet għerf imqaddes imnissel minn ħsibijiet dwar it-tbatijiet ta' S.Ġ.K.; "Kliem il-Għaref"

li fiha R.B.F. tistaqsi xi tkun tabilħaqq il-hena u hi tistqarr illi dak l-għerf li jiġi mill-imħabba lejn Alla hu l-ogħna; Il-"Hena" versi li fihom l-awtur taħseb dwar fejn tista' ttinsab il-hena u tfittixha 'l hawn u 'l hinn, taqa' li tfittex is-sliem fil-għerf tal-qdusija ta' Alla.

Il-versi ta' R.B.F. li jitkellmu dwar il-qraba huma bħal "Lill-Għażiż Papà" u "Lil Ħija Meljet" taħdit illi għandek issibu għażiż għal kull poeta li jħoss jew il-ferħ jew in-niket għal dak li jgħaddi minn għala qrabatu. Poeżija li ġibdetli ħsiebi hi "Lil Ibni Emigrat fl-Awstralja". Xejn ġdid fil-għażla tas-suġġett, iżda kif fissret R.B.F. il-għafsa ta' qalb tal-omm lejn binha mbiegħed minnha hija tabilħaqq xhieda ħajja ta' karba ħierġa mill-qalb ta' dik l-omm li trid tħoss wild ġufha qribha.

"Il-Ħolqien" u l-ġmiel li fih, issibhom ukoll bħala taħdit fil-versi ta' R.B.F. Fil-versi "Ix-Xemx" tfissrilna kemm sbuħija u benna taħżen fiha x-xemx, kemm għall-bniedem u kemm għall-Maltin li gżirithom laqqmuha, 'il-gżira xemxija'. Fil-poeżija "In-Narċis" R.B.F. ixxebbah in-narċis ma' xebba rżina mitlufa t'tlob: tlibbsu sbuħija liema bħalha minkejja li ssibu kullimkien, u tisthajlu damma ta' ġawhar. Fil-versi, "Ward u Miosotidi" insibu x'tifsiriet ta' mħabba jagħtu lil dil-warda.

Żewġ poeżiji ta' R.B.F. li jiġbduk kemm fil-ħsieb u kemm fil-bini tagħhom isemmagħulna 'tifkiriet tat-tfulija'. "Il-Belliegħa tal-Bir" tgħidilna dwar nanna li twiddeb lil tifla ċkejkna illi l-belliegħa taħtaf lil dawk it-tfal imqarbin li jiftlilhom jittarrfu mal-ġiebja. "L-Għasfura Tiegħi" hi poeżija narrativa li turina kemm il-ħlejjaq żgħar jafuhulna meta nuru magħhom qalb tajba u ngħożżuhom.

Din il-ġirja ħafifa ħafifa mal-versi ta' R.B.F. tagħtina ħjiel ta' fuqiex kitbet dil-mara Maltija. Dil-poetessa għarfet tinnamra mal-Muża. Il-ħasra, kif naraha jien, hi li żammet il-kitba tagħha għaliha nfisha dan iż-żmien kollu. Bħallikieku ħbiet il-kitba tagħha mill-għajnejn għarriexa tal-barranin, ħlief meta fettlilha ssamma' x'kitbet lil xi ħbieb. Għalhekk, il-kitba tagħha baqgħet mistura, bit-tajjeb u bin-nuqqasijiet li int jew jien nisthajlu nsibu fiha.

Iż-żmien għamel tiegħu ma' R.B.F. iżda mid-deher il-Muża baqgħet ħabiba magħha, għax dal-aħħar jiem meta s-Superjura tal-Istitut Vincenzo Bugeja, il-Ħamrun, sabitha daqsxejn bi tqila twebbel lil xi ħabib idomm erba' versi ta' merħba b'ġieħ il-miġja fosthom tal-E.T. Mons. Arċisqof M. Gonzi nhar il-għid ta' egħluq it-tmenin sena tiegħu, is-Superjura malajr sabet lil R.B.F. tagħtiha bukkett versi sbieħ tassew. Aqrawhom:

21 MAGGIO 1965

Eccellenza Reverendissima,

Che bel giorno, quest'oggi, è spuntato!
Che bel giorno di gioia e d'amore!
Quante volte l'abbiam sospirato
Questo giorno, nel fondo del core!

E' per questo che a Lei siam venute.
Quali figlie devote, d'intorno,
AugurarLe molti anni ancora,
Lieti e belli, al par di sto giorno!

Fra noi, molte non hanno la mamma!
Altre prive del buon genitor;
Ma orfanelle, del tutto, non siamo,
Ci ama tanto il nostro Pastor!

Ecco ch'oggi, nel Suo Compleanno,
Si è degnato di noi visitar!
Perchè sa che la Sua Presenza,
Fa, di gioia, il cor esultar!

In tal giorno, si offron dei doni:
Ma noi povre ciò far non possiam!
Pur Le offriam un don che gradisce,
E, di certo, noi ciò lo sappiam!

A Lei, dunque, le nostre preghiere
Fervorose e piene d'amor!
E, con esse, noi pure L'offriam
L'innocente ed orfano cor!

Affezionatissime, devotissime
orfanelle del
Conservatorio Bugeja.
R.B.F.

Dawn il-versi R.B.F. tathom bixra bil-Malti. Aqrawhom din id-darba kif il-ħsibijiet li fissrithom għall-ewwel darba bit-Taljan, libsithom b'libsa Maltija:

21 TA' MEJJU 1965

X'jum għażiż illum sebaħ għalina!
Jum ta' hena, ta' ferħ u ta' talb!
O kemm xtaqna illi jfittex jasal!
U kemm tlabna, u tlabna bil-qalb!

Għalhekkk ġejna, ilkoll, hawn ma' d'warek,
Ferħanin, għax narawk tant ferħan!
Nixtiqulek tgħix żmien daqshekk ieħor,
Tgħixu hieni wisq iżjed minn dan.

Fostna ħafna iltiema minn ommna;
Ħafna oħra missierna m'għandniex;
Imma flokom iħobbna r-Raghaj tagħna,
U hekk, iltiema, għal kollox m'aħniex!

Ekku illum jum li fih għalaq sninu
Ġie hawnhekk sabiex joqgħod ftit magħna:
Għaliex jaf li l-Preżenza biss Tiegħu,
Bil-ferħt fawwar iċ-ċkejkna qalb tagħna.

Jum bħal dan huwa jum tar-rigali:
'Mma aħna fqra! M'għandna xejn sabiħ;
Madankollu, ragħtuk rigal ċkejken,
U aħna żguri li Int tifraħ bih!

Lilek mela t-tqarbin ta' dalgħodu.
Tlabna l'Int għal żmien twil tibqa' magħna!
U flimkien, ma' dan kollu noffrulek
L-innoċenti, iltima qalb tagħna.

R.B.F.

X'jidhrilkom? Jinħass xogħol mirqum tajjeb, b'nisġa ta' ħsibijiet li jolqtuk, minkejja li l-bini tal-poeżija jorbot ma' stil tradizzjonalistiku. Trid tiftakar illi dawn riedu jkunu versi sa joħorġu minn fomm it-tfal u bħallikieku rna jistgħux ifissru ħsibijiet barranin minn dik il-għamla rżina, ħelwa, bla tlellix; tifsila ta' versi li għand'hom miċ-ċokon u l-kobor tat-tfal. Hekk, f'għamla ta' xogħol bħal dan, qajla tista' tistenna xi nisġa ta' ħsibijiet jew xi għamla ta' vrus barra minn dawk li kitbet R.B.F.

Toqgħod taħseb ftit, tixtieq li R.B.F. kienet tgħodd wisq anqas milli tgħodd illum sabiex tkun tista' tintefa' għall-kitba bil-Malti aktar milli għamlet fl-imgħoddi. Igħaddilek ħsieb illi kieku reqmet il-kitba tagħha bil-Malti u tefgħet għaqalha aktar milli tat fil-bini tal-vers Taljan, aktarx R.B.F. kien ikollha llum isimha mħażżeż mal-qawra tal-poeti Maltin. Li kieku u li kellu jkun, issa tar u mar! Wara kollox R.B.F. għexet l-aqwa ta' ħajjitha fi żmien meta l-**kittieba Maltin fl-aħħar tal-aħħar** irnexxielhom jinġemgħu f'għaqda li kellha tieħu ħsieb issawwar ortografija waħda mibnija fuq sisien xierqa! Dan kollu fisser il-bidu ta' żmien li tistenna miegħu bidla. Beda jżernaq żmien meta l-Malti beda jsib aktar ħbieb minn qabel. Fost il-ħbieb ġodda tista' tgħodd lil R.B.F. illi fissret din il-ħbiberija billi tikteb bil-Malti, kif dehrilha l-aħjar u kif fehmet l-aħjar. Hekk kisret, riedet jew ma riditx, it-tifsila tat-tagħlim li ħadet f'żgħożitha.

It-tama tiegħi hi fis-snin li għad iridu jiġu; snin li ma jmisshomx jixhdu Maltin jissieltu biex jiksbu l-ħelsien ħalli jfissru ruħhom bil-Malti. Jeħtieġ li s-snin li ġejjin isarrfu mitqilhom deheb għall-kultura Maltija. Jekk dan ma jseħħx, ifisser firda bejn Malti u ieħor. F'idejn il-kittieba żgħażagħ jifhmu lilhom infushom u jrawmu ħmira letterarja sħiħa. Ix-xjuħ, min ftit min ħafna u kif jafu, taw sehemhom. Mhux biss xieraq niftaqdu x'wettqu huma, u nibnu fuq għemilhom; fuq kollox jeħtieġ nimxu 'l quddiem.